TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1345

KAZ NRU. 1590

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Clint Farrugia

u

Baxter (Malta) Trading Company Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 28 ta' Ottubru 2002.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 13 ta' Novembru 2001 b'referenza MSP/TI/80/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Clint Farrugia, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Edward Zammit Lewis u Baxter (Malta) Trading Company Limited, aktar il-quddiem tissejjah l-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Louis Schembri assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant jghid li t-tkeccija kienet ingusta ghaliex din sehhet wara li nstabet bicca hadida (hu jsejhila "retractable truncheon") l-ewwel fil-karozza tal-Kumpanija li kien juza hu u wara fil-kexxun ta' l-iskrivanija tieghu. Hu jikkontendi li kien ta spejgazzjoni li fiz-zewg kazi kien insijha fil-post u jhoss li ghalkemm kien haqqu "warning" ma kienx jisthoqqlu tkeccija ghaliex ghal sitt snin dejjem ghamel xogholu sewwa.

Il-Kumpanija sostniet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex dil li l-appellant sejjah bicca hadida kienet arma li jekk tintuza minn xi hadd fuq persuna ohra tista' twegggħu serjament. Meta nstabet fil-karozza tal-Kumpanija l-Manager ta' l-appellant kien wissieh li ma jistghax jgib dan l-oggett fuq ix-xoghol u anqas izommu fuq propjeta tal-Kumpanija. Spjegalu x'setghu jkunu l-konsegwenzi ghalih u ghall-Kumpanija kieku kellu jitwaqqaf mill-Pilizija u jsibu dik l-arma fil-van tal-Kumpanija. Qallu wkoll biex jara x'se jghamel bl-arma, u wissieh li taht ebda cirkostanza m'ghandha tinzamm fuq propjeta tal-Kumpanija u li jekk terga' tinstab ghandu fuq ix-xoghol l-konsegwenzi ghalih ikunu gravi. Meta, tlett xhur wara, waqt tficcija li kienet qed issir b'konnessjoni ma investigazzjoni mhix relatata, instabet l-arma fil-kexxun ta' l-appellant, l-Kumpanija hasset li ma kelliex ghazla hlief li titterminalu l-impieg.

It-Tribunal, wara li ezamina x-xhieda u d-dokumenti u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

- l-oggett tal-hadid imsejjah "retractable truncheon" kien jikkostitwixxi arma li jekk tintuza setghet twegga' persuna serjament ;
- ma rrezultax li l-appellant qatt uzha fuq xi persuna jew biex jhedded lil xi hadd ;
- meta nstabet fil-karozza tal-Kumpanija l-appellant ammetta li kienet tieghu u qal li kien insiha hemmhekk ;
- kien gie spejagat lilhu l-gravita tal-konsegwenzi ghalih u ghall-Kumpanija kieku jitwaqqaf mill-Pulizija u tinstab l-arma fil-karozza ;
- gie mwissi serjament biex jiddisponi mill-arma u li taht ebda cirkostanza m'ghandha tingieb fuq ix-xoghol jew tinzamm fuq propjeta' tal-Kumpanija ;
- gie mwissi wkoll li jekk din terga' tinstab ghandu jew fuq propjeta tal-Kumpanija jkun hemm konsegwenzi gravi ghalih ;
- meta, tlett xhur wara, regghet nstabet fl-iskrivanija tieghu fuq il-post tax-xoghol l-ispjegazzjoni tieghu regghet kienet li nsiha hemmhekk.

It-Tribunal ikkunsidra li l-appellant naqas serjament meta zamm l-arma fuq il-post tax-xoghol wara li kien avzat li taht ebda cirkostanza m'ghandu jghamel dan. Ma jistax jaccetta bhala gustifikazzjoni li dan gara ghax nsiha ghat-tieni darba. Meta l-Kumpanija tatu l-possibbilta li jirrimedja n-nuqqas wara l-ewwel sejba ta' l-arma kellu d-dmir u l-obbligu li jiehu hsieb jghamel dak mistenni minnufih. Jekk naqas li jiehu hsieb li jghamel dak li kien mistenni minnu jrid jerfa' r-risponsabbilta tan-nuqqas tieghu.

L-appellant ammetta n-nuqqas tieghu izda kkontenda li, ghalkemm jimmerita kastig, ma kellux ikun dak ta' tkeccija. It-Tribunal jidhirlu li l-kaz kien serju bizzejjed biex wara it-tieni nuqqas l-Kumpanija tiehu dawk il-passi li hasset kienu l-ahjar biex tipprotegi l-interessi taghha.

It-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex l-Kumpanija tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja